**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 29 ta` Novembru 2016**

**Kawza Nru. 12**
**Rik. Gur. Nru. 578/08 JZM**

**S & D Yachts Limited**
**(C-3476)**

***kontra***

**HSBC Bank Malta plc**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-4 ta` Gunju 2008 li jaqra hekk :–

*ILLI fil-21 ta` Gunju 2005, is-socjeta` esponenti sofriet telf u danni f`hold up u serqa fejn kienu naqsulha f`din il-hold up u serqa ammont ta` hamsa u sebghin elf Euro (€75,000) f`cash, somma ohra f`kontanti tal-allura hames mitt Lira Maltin (Lm500), kif ukoll numru ta` cheques li ma gewx rimpjazzati; il-flus kontanti cioe` l-Ewro u l-Liri Maltin kienu appena*

*migbura minn rapprezentant tal-esponenti mill-fergha tal-Gzira tal-Bank intimate ;*

*2. ILLI n-narrativa tal-fatti hija illi fil-jum ta` qabel il-hold up u s-serqa u cioe` fl-20 ta` Gunju 2005, meta s-Sur Karl Borg impjegat tal-esponenti mar l-istess fergha tal-Bank, ufficjal tal-Bank konvenut certu David Vella ghajjat f`area pubblika u b`mod illi jisimghu kulhadd u staqsa lill-impjegat imsemmi tal-esponent jekk hux kollox sew ghall-hamsa u sebghin elf Euro (€75,000), li kienu gew prenotati ghall-ghada; dan id-diskors "ghal ghada kollox sew il-€75,000" intqal b`mod awdibbli f`area pubblika u b`mod li seta` jisimghu kull min kien prezenti fil-fergha u minn wara counter ghall-area pubblika fejn kien l-impjegat tal-esponenti ;*

*3. ILLI l-ghada cioe` fil-21 ta` Gunju 2005, meta l-istess impjegat tas-socjeta` esponenti mar jigbor il-kontanti, dawn inghataw "across the counter", f`area pubblika, quddiem kulhadd u mhux f`kamra privata fejn anke il-flus setghu jinghaddu ;*

*4. ILLI inoltre rrizulta illi wahda mis-security cameras ma kinitx tiffunzjona, tant illi sussegwentement ghal dan l-incident, l-HSBC Bank rega` ivverifika l-istat tas-security cameras, ghamel upgrading u sahansitra public announcement ta` dan l-upgrading ;*

*5. ILLI rrizulta wkoll illi ftit wara li l-impjegat tal-esponenti telaq mill-Bank bil-kontanti huwa gie aggredit u derubat; ghal dan il-Bank intimat qed jinzamm responsabbli ;*

*6. ILLI f`laqgha li kienet saret fil-fergha tal-Bank tal-Gzira fejn kienu prezenti mpjegati ezekutivi tal-bank u cioe` Martin J Wilkens, Steve Aquilina, Roland Saliba u Lorna Farrugia, David Vella min-naha tal-Bank u Karl Borg u Roland Darmanin Kissaun min-naha tas-socjeta` esponenti, inqala` argument fejn kien effettivament Karl Borg u rrizulta waqt il-laqgha illi minn fejn kien tkellem dan David Vella, kien effettivament awdibbli mill-area pubblika ;*

*7. ILLI l-bazi legali tal-pretensjoni tar-responsabbilita` tal-intimat hija illi l-Bank intimat naqas serjament mid doveri u obbligi lejn l-esponent tieghu bhala klijent : a bazi tar-relazzjoni tal-partijiet hemm dover tal-intimat li jippresta kura, attenzjoni u diligenza fit-trattament tieghu mal-intimat u*

*fin-nuqqas ta` dan, l-intimat isofri u jwiegeb ghall-konsegwenzi; il-vjolazzjoni tad-dover jirrizulta mill-fatti kif fuq esposti, id-diskors fl-area pubblika, il-fatt illi l-flus gew konsenjati f`area pubblika u minghajr supervizjoni adegwata ;*

*8. ILLI inoltre u bla pregudizzju ghall-premess in konsegwenza ta` dan kollu, l-esponenti sofriet danni delittwali a kawza tal-intimata u ghal liema l-intimata hija mizmuma responsabbli u ghandha twiegeb ;*

*9. ILLI l-intimata giet notifikata bi protest gudizzjarju prezentat fit-12 ta` Gunju 2007 inutilment ;*

*GHALDAQSTANT L-ESPONENTI titlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi ghar-ragunijiet suesposti huwa unikament responsabbli u jahti ghad-danni u ghat-telf naxxenti mill-hold up u s-serqa unikament il-Bank intimat.*

*2. Tillikwida d-danni kkawzati.*

*3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas l-ammont ta` danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez u bir-riserva ta` kull dritt u azzjoni fil-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati minnu fir-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata ta` l-bank konvenut li kienet prezentata fit-3 ta` Lulju 2008 li taqra hekk :–

*1. Preliminarjament l-irritwalita` u n-nullita` tar-rikors promotur in kwantu jikkontjeni konfuzjoni ta` kawzi u dan peress illi filwaqt li f`paragrafu numru 7 tar-rikors promotur jinghad li d-danni reklamati huma danni kontrattwali ta` bejn bank u klijent, fil-paragrafu numru 8 tal-istess rikors promotur jinghad illi d-danni reklamati huma danni delittwali. Din l-*

*eccezzjoni preliminari qed tinghata a bazi tal-principju legali assodat fil-gurisprudenza nostrana illi "selecta una via non datur recursus ad alteram".*

*2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-Bank konvenut ma hu bl-ebda mod responsabbli ghall-akkadut mertu tal-kawza odjerna.*

*3. Illi ma hemm l-ebda ness ta` kawzalita` bejn l-agir tal-Bank konvenut u l-akkadut lamentat mis-socjeta` attrici u ghalhekk il-Bank konvenut ma hu bl-ebda mod responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta` attrici.*

*4. Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, kienet l-istess socjeta` attrici li naqset serjament milli tosserva linji gwida elementari fil-garr ta` somom ta` flus kontanti konsiderevoli.*

*5. Illi l-kawza odjerna hija bazata biss fuq kongetturi u suppozijonijiet fierha u bla bazi.*

*6. Illi kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors guramentat, mhux minnu li l-ordni ta` €75,000 fi flus kontanti saret permezz ta` telefonata fil-jum ta` qabel is-serqa izda saret verbalment minn impjegat tas-socjeta` attrici filwaqt li dan l-impjegat kien fil-fergha tal-Bank konvenut li tinsab fil-Gzira, b`mod li kien facli ghal terzi prezenti fil-bank li jisimghu lil dan l-impjegat jaghmel tali ordni.*

*7. Illi s-socjeta` attrici naqset serjament meta fil-garr ta` somma kbira ta` flus kontanti ma uzatx id-diligenza u l-prekawzjonijiet mistennija f`cirkostanzi simili. F`dan ir-rigward jidher illi t-talba tas-socjeta` attrici lill-kumpannija assikuratrici taghha ghar-rizarciment tad-danni ma gietx accettata minn din tal-ahhar anke ghaliex is-socjeta` attrici naqset milli tosserva l-kondizzjonijiet ta` sigurta` fuqha mposti mill-kumpannija assikuratrici, kien dan in-nuqqas serju li ffacilita daqstant is-serqa li wiehed jista` jghid kien il-kagun li s-serqa twettqet u rnexxiet.*

*8. Illi fir-rigward ta` pargrafu numru 3 tar-rikors guramentat, jinghad illi fil-jum tal-akkadut l-impjegat tas-socjeta` attrici mar jigbor il-flus*

*kontanti minghand il-kaxxier Ivan Chircop u dan kif regolarment kien isir mill-impjegat tas-socjeta` attrici Karl Borg.*

*9. Illi dwar paragrafu numru 4 tar-rikors guramentat jigi eccepit illi l-hsara f`wahda mis-security cameras fil-jum tal-akkadut bl-ebda mod ma jista` jinghad li kkontribwiet ghall-akkadut kif donnu qed tallega s-socjeta` attrici u dan jirrizulta lampanti ghax is-serqa saret barra l-istabbiliment tas-socjeta` attrici u mhux barra il-bini tal-bank.*

*10. Illi dak allegat mis-socjeta` attrici fil-paragrafu numru 2 tar-rikors guramentat mhux minnu u huwa kontradett mill-verzjoni ta` David Vella, Neil Fitzgerald u Ivan Chircop ilkoll impjegati mal-Bank konvenut.*

*11. Illi dwar paragrafu numru 6 tar-rikors guramentat jinghad illi saru zewg rikostruzzjonijiet tas-sitwazzjoni fejn Karl Borg, l-impjegat ta` S & D Yachts Ltd. saqsa jekk il-konsenja ta` flus ghal ghada kinitx 'OK' u David Vella, l-impjegat tas-socjeta` intimata, wiegeb fl-affermattiv. L-ewwel rikostruzzjoni saret fil-fergha miftuha bix-xoghol ghaddej u n-nies prezenti fis-sala fejn Mario Bartolo il-Manager Operational Security tal-bank ma setax jifhem il-kliem li tnissel minn persuna wara l-hgieg waqt li hu kien qieghed fis-sala u mhux direttament quddiem il-hgiega. It-tieni rikostruzzjoni saret bil-fergha maghluqa minghajr nies fis-sala u l-persuni li qaghdu fis-sala biex jistabbilixxu jekk il-kliem li kien qieghed jintqal minn wara l-hgieg setax jiftiehem kienu propjament id-diretturi tas-socjeta` attrici li waslu ghall-konkluzjoni li l-kliem li tnissel kien jiftiehem u ghalhekk it-tieni rikreazzjoni ma kintx fidila ghal sitwazzjoni rejali kif ezistiet fl-20 ta` Gunju 2005.*

*12. Illi l-esponenti ma tafx il-fatti fuq esposti personalment.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati.
Rat il-provi kollha li nstemghu u li ngabru fil-kors tal-kawza.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-28 ta` April 2016 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**Karl Borg** – accounts clerk – impjegat mas-socjeta` attrici xehed bl-affidavit.

Xehed illi huwa kien ilu jahdem mas-socjeta` attrici ghall-ahhar erba` snin. Parti mix-xoghol tieghu huwa li jmur il-bank sabiex jiddepozita u jigbed il-flus. Fl-20 ta` Gunju 2005, huwa rcieva telefonata minghand l-HSBC Operations Office Qormi fejn impjegata tal-bank li jisimha Maria infurmatu li kienu waslu ammont ta` €75,375 ghas-socjeta` attrici bl-iskop li jkunu *cash to master* tal-yacht Noa VII. Ta struzzjonijiet fejn kellhom jigu depozitati l-flus. Meta tkellem ma` Mark Darmanin Kissaun, dan ikkonfermalu li l-flus kienu destinati bhala *cash to master* u li l-Kaptan kellu jircievi dik is-somma fi flus kontanti qabel jitlaq il-yacht l-ghada. Dak il-hin stess cempel il-fergha tal-HSBC Gzira. Wara xi hin tkellem ma` certu David Vella, qallu biex ilestu l-kontanti peress li l-yacht kien ser jitlaq fil-21 ta` Gunju 2005. Vella qallu li minhabba l-urgenza, kien ser ikun hemm xi *charges*. Meta mar lura l-ufficcju, gibed l-attenzjoni ta` Mark Darmanin Kissaun li l-Kaptan ma setax imur huwa stess jigbed il-flus mill-bank peress li dawn setghu jingibdu minn rapprezentant tal-kumpannija attrici. Dakinhar stess ghal nofsinhar, mar il-bank fuq xoghol iehor tal-kumpannija attrici u hekk kif kien fil-queue, David Vella deher minn wara l-hgieg tal-kaxxiera u staqsieh b`lehen gholi li jisimghu kulhadd jekk kienx kollox *"alright"* ghall-flus fil-Euro ghall-ghada. Ftit wara semma l-ammont ta` *"seventy five thousand"*.

Stqarr illi l-ghada t-Tlieta 21 ta` Gunju 2005, huwa hejja zewg ittri ta` awtorizzazzjoni sabiex imur jigbed dik is-somma mill-bank, liema ittri kellhom jigu ffirmati wahda minn Roland Darmanin Kissaun u l-ohra minn Mark Darmanin Kissaun, skont lil min isib l-ewwel. Ittra wahda kienet bizzejjed tant li kienet iffirmata minn Roland Darmanin Kissaun. Ftit tal-hin wara, Mark Darmanin Kissaun staqsieh x`arrangamenti kien ghamel

biex jingabru l-flus u jinghataw lil Kaptan izda xhin indunaw li ma kienx hemm bizzejjed hin sabiex huwa jmur ghall-kaptan u jerga` jinzel flimkien mieghu l-bank, kien deciz li hu jmur il-bank jigbed il-flus u jgibhoml-ufficcju Ta` Xbiex biex imbaghad Mark Darmanin Kissaun jiehu l-flus lill-Kaptan huwa stess il-Birgu.

Fisser illi huwa mar il-bank u pparkja ezatt quddiem il-bank fil-parking riservat cirkondat b`linja safra. Staqsa ghal David Vella izda Ivan il-kaxxier qallu li ma kienx hemm bzonn li jkun hemm Vella peress li l-kontanti kienu ghandu. Dan tahom lil Neil li huwa kaxxier iehor u dan kien qallu *"Il-lallec x`briksa ghandek"*. Borg xehed li dawn il-flus dehru *across the counter* fil-*public area* fejn seta` jarahom kulhadd. Inghata pakkett trasparenti ssiggillat. La hu u lanqas il-kaxxier ma ghoddew il-flus izda fehem li kien hemm €75,000. Fl-istess hin kienu qeghdin isiru xi operazzjonijiet ohra ta` xoghol li kellu tal-kumpannija. Hareg mill-bank b`envelope wiehed kbir f` idejh bl-ammont in kontanti ta` €75,360, Lm500 u xi *deposit slips*. Saq lejn l-ufficcju u ha l-iqsar triq possibbli mill-Gzira sa Ta` Xbiex sabiex imbaghad ipparkja fl-istess parkegg fejn kienet il-vettura qabel mar il-bank.

Qal illi meta hareg mill-karozza bl-envelope f`idejh, hass mutur gej vicin tieghu wisq u f`daqqa wahda hass daqqa ta` ponn f`wiccu, li hass lil xi hadd jahtaflu l-envelope minn idejh. Qabad jissielet biex jigbed lejh l-envelope izda aktar ma beda jghajjat, aktar beda jaqla` daqqiet ta` ponn. Spicca fl-art, u anke qala` daqqiet bis-sieq. Dak il-hin induna li l-agressuri kienu tnejn. Hareg certu Warren hareg mill-garaxx tal-kumpannija izda dan ma ghamel xejn ghaliex il-persuna li kienet qed taghti id-daqqiet harbet tigri lejn il-mutur. X`hin imbaghad hareg Adrian Webber, impjegat iehor tal-kumpannija, dan qabad jghajjat izda dawk lahqu harbu bil-mutur.

**Karl Borg** ipprezenta affidavit iehor.

Kien muri ittra datata 7 ta` Settembru 2005 li Av Patrick Galea ircieva minghand l-HSBC fejn jinghad li skont David Vella mhux minnu li kien cempillu. Spjega li minhabba dan, huwa kien avvicina lil Vella l-bank biex jispjega li ghalkemm ma kinux qed iwahhlu fih ghal dak li gara, kien hemm certu nuqqasijiet min-naha tal-bank. Huwa spjega li kien infurmah b`dak li kien qieghed jghid il-bank u li kien hemm prova li verament saret it-tieni telefonata lilu permezz ta` informazzjoni migbura mill-Maltacom. Spjegalu wkoll izda li l-bank kien qed isostni li dawn it-telefonati setghu kienu saru ghal xi raguni ohra. Qal illi meta baqa` jaghtih id-dettalji, David Vella qal li kien qieghed jiftakar u rrealizza li din il-verzjoni kienet il-verita` izda Vella

fl-ebda hin ma accetta li verament huwa kien cempillu ghall-ordni tal-flus. Sahaq illi fil-gurnata ta` qabel is-serqa, kien David Vella li b`lehen gholi semma s-somma tal-flus u li kienet ser tingabar l-ghada. Huwa ma kienx ser jiehu decizjoni rigward ic-*charges* wahdu ; ghalhekk dan jikkonferma kemm fil-verita` saret it-tieni telefonata.

Stqarr illi fit-telefonata li kellu ma` Vella, dan kien qallu li kien impossibbli li jinghataw aktar minn €30,000 in kontanti ghall-ghada, peress li imbaghad kien ser ikun hemm *charges* ghal zbank ta` ammont superjuri ghat-€30,000. Vella kien semmielu li c-*charges* kienu Lm10 u wara li vverifika ma` Mark Darmanin Kissaun fil-prezenza ta` Roland Darmanin Kissaun, huwa nforma lil Vella li dawn ic-*charges* kienu gew approvati u biex jigu ppreparati l-flus. Spjega li Vella kien qallu biex jinghata *round figure* peress li l-kumplament tal-flus kien ikollhom fil-bank. Tant il-flus kienu diga` ordnati, li l-ghada l-flus kienu ghand kaxxier iehor li kien jaf bihom. Meta mar il-bank biex ikellem lil David Vella, dan ikkonferma dak li qallu.

**Karl Borg** xehed ukoll *viva voce.*

Xehed illi l-flus inghataw lilu quddiem kulhadd u ma kienux *wrapped*. Lanqas ma kienu l-flus go envelope. Il-flus gew ikkonsenjati quddiem in-nies minghajr proceduri ta` konsenja partikolari. Huwa qieghed il-flus go envelope, baqa` hiereg bih, dahal fil-vettura tieghu u saq lejn l-ufficju. L-aggressjoni saret quddiem l-ufficini tas-socjeta` attrici.

Stqarr illi wara l-incident huwa xorta wahda baqa` jmur il-bank b`konnessjoni max-xoghol tieghu. Kien ikkonfronta lil David Vella peress li dan kien qed jichad li kienet sehhet il-konversazzjoni qasira *over the counter* lejliet l-aggressjoni. Saret laqgha ma` rapprezentanti tal-bank u tas-socjeta` attrici sabiex ikun stabbilit jekk huwiex tassew li persuna li titkellem minn wara l-hgiega tkun tinstema`.

Fil-**kontroezami** ikkonferma li parti mix-xoghol tieghu kien li jmur il-bank. Dakinhar ma kinitx l-ewwel darba li mar igib flus ghal xi kaptan. Il-flus dejjem inghataw lilu *over the counter*. Qatt ma gie offrut xi servizz iehor hlief *over the counter*. Huwa spjega li qatt ma talab lil xi mpjegat ta` bank biex il-flus ma jinghatawlux *over the counter*. Cahad li qatt attenda stharrig dwar sigurta` fil-garr tal-flus. Spjega li l-ammonti ghall-kaptani jkunu varji, izda ghalkemm kellu ammonti kbar, qatt ma kellu ammont kbir daqs ta` dak

inhar. Huwa spjega li qatt ma kellu diskussjoni mas-superjuri tieghu dwar xi procedura partikolari li ghandha tigi adottata biex jingabru l-flus. Minkejja li l-ammont kien ikbar mis-soltu, huwa ghamel dak li s-soltu jaghmel u ma ha l-ebda mizuri differenti ta` prekawzjoni. Meta jigu l-flus ghall-kaptani, soltu l-kaptan jigi jigborhom mill-ufficju. Hekk kellu jsir f`dan il-kaz ukoll. Huwa ma kienx ltaqa` mal-kaptan. Spjega li meta l-kaptan jigi l-ufficju, jkun hemm Joan Vella Triganza li kienet taghtihom il-flus. Vella Triganza kienet taf li huwa sejjer il-bank ghall-flus u li dawn kellhom jinghataw lil kaptan. Huwa u Vella Triganza jahdmu fl-accounts department.

Kompla jixhed illi wara l-incident baqa` jahdem mas-socjeta` attrici. Ghalkemm baqa` jmur il-bank, beda jiehu cheques biss u ma hax aktar flus kontanti. Spjega li giet inkarigata kumpannija tas-sigurta` bl-isem ta` Eurochange biex kull meta jkun hemm ammont ta` flus kontanti, bdiet tmur hi ghalihom. Ma jafx kif bdew jingabru jew jigu depozitati flus kontanti peress li huwa beda jiehu hsieb chequest biss. Ma kienx involut fid-diskussjonijiet li saru dwar x`mizuri ta` sigurta kellhom jittiehdu mis-socjeta` attrici fir-rigward tal-garr ta` flus kontanti. Ma ttiehdu l-ebda passi dixxiplinarji kontra tieghu mis-socjeta` attrici.

**<u>Roland Darmanin Kissaun</u>**ipprezenta affidavit.

Xehed illi fl-20 ta` Gunju 2005 ghall-habta tad-9.00 a.m, Mark Darmanin Kissaun, li huwa wiehed mid-diretturi ta` s-socjeta` attrici, ta struzzjonijiet lil *accounts clerk* Karl Borg sabiex icempel il-fergha tal-HSBC l-Gzira sabiex ilestu biex jingabar l-ghada ammont ta` €75,000, liema somma waslet bhala *cash to master* ghall-yacht Noa VII. Kien prezenti meta nghataw dawn l-istruzzjonijiet. Borg ghamel il-kuntatti mal-bank. Aktar tard avza lil Mark Darmanin Kissaun illi kienet ser tinzamm *charge* ta` Lm10. Il-hlas ta` din ic-*charge* kienet accettata. Ipprezenta dokument li juri li l-kuntatti li ghamel Borg mal-bank dakinhar.

Kompla jghid li huwa sorpriz ferm illi hija prattika normali li ammonti tant kbar ta` flus jinghataw lil klijent go *public area* u mhux go kamra fil-privat. Sar jaf li sabiex tintuza kamra privata, trid issir talba appozita mill-klijent. Huwa dejjem inghata ammonti ta` aktar minn Lm5,000 fil-privat.

**<u>Roland Darmanin Kissaun</u>** xehed ukoll *viva voce.*

Qal illi huma agenti tal-yachts u jaghmlu *management* tal-yachts. Spjega li xi drabi s-sid tal-*yacht* jibghat fondi sabiex jinghataw lill-kaptan bhala *cash* abbord. Dawn l-ammonti jkunu *float* ghall-kaptan biex ikun jista` jhallas lill-ekwipagg abbord. Dan kien kaz fejn intbaghtu €75,000 izda l-yacht ma kienx ghadu dahal Malta. L-istruzzjonijiet taghhom kienu li malli jidhol jinghata dik is-somma qabel jerga` jitlaq. Dak iz-zmien ma kinitx ghadha dahlet l-Ewro u ghalhekk kienu ntalbu li jipprokuraw dak l-ammont ta` Ewro. Ghalhekk talbu lill-bank sabiex ilesti l-flus.

Stqarr illi meta saret is-serqa, huwa kien l-ufficcju, semghu hafna ghajjat u storbju barra, u sabu li l-impjegat tas-socjeta` kien aggredit minn tnejn min-nies fuq mutur. Huwa ma rax l-incident izda hareg fil-pront biex jaghti l-ghajnuna u sabiex jiehu n-numru tar-registrazzjoni tal-mutur li kien ta` lewn iswed. Cemplu cemplu ghall-assistenza tal-pulizija. Il-hallelin serqu €75,000 kif ukoll xi Lm800.

Stqarr li huwa tkellem mal-ufficjali tal-bank. Insista li huwa ghandu rispett kbir ghall-HSBC u jirrispettahom hafna. Saru laqghat ma` ufficjali tal-bank, fosthom ma` Martin Wilkins. Dan tal-ahhar kien mgharraf b`dak li kien gara u li l-impjegat tal-bank kien ghajjat b`lehen gholi *across the counter*. Wilkins sostna li ma jistax jkun li seta` jinstema` tali diskors in vista tal-hgieg li kien hemm mal-*counter*. Huwa kien oggezzjona ukoll ghall-fatt li somma kbira ta` flus inghatat *over the counter* b`tali mod u manjiera li l-impjegat tas-socjeta` attrici ma setax jghodd l-istess flejjes. Fl-ewwel laqgha, Wilkins kien ipprometta li ser jinvestiga l-kwistjoni. Fit-tieni laqgha, Wilkins staqsa jekk saritx talba biex l-ghadd tal-flus isir go kamra privata. Huwa stqarr ma` Wilkins li dik kienet inizzjattiva li kellha tittiehed mill-HSBC stess u mhux minnhom.

Kompla jghid illi sa marru fuq il-post fejn l-impjegat tal-bank David Vella kien ghajjat lil impjegat tas-socjeta` attrici Karl Borg *over the counter* flimkien ma` diversi ufficjali ohra. Inqala` argument bejn Vella u Borg dwar fejn kien Vella meta gholla lehnu u semma l-ammont ta` l-flus. Fil-laqgha, Vella ma qalx li ma kienx kellem lil Borg. Pero` ma kienx hemm qbil dwar fejn kien pozizzjonat Vella meta ghajjat lil Borg. Mil-laqgha, irrizulta li kien ferm facli li jinstema` dak li jkun qed jinghad b`lehen gholi.

Kompla jixhed li in segwitu ma` Shaun Wallace u mal-legali rispettivi tal-partijiet u minghajr pregudizzju, il-bank offra hlas *ex gratia* ta` Lm5,000. Il-proposta pero` ma kenitx accettata. In segwitu kienu nfurmati mill-bank li ma kellhomx bazi ghall-*claim* taghhom. Kien ghalhekk li saret din il-kawza.

Qal illi fil-kaz ta` banek kummercjali ohra meta tkun ser tinghata somma sostanzjali, il-klijent jittiehed go ufficcju. Ghalih il-bank konvenut naqas bil-kbir.

Fil-**kontroezami**, xehed illi kien ilu madwar ghaxar snin jirtira mill-banek ammonti sostanzjali ta` flus. Bhala regola generali, qabel ammonti sostanzjali anke ta` Lm1,000 jew Lm2,000 kienu jinghataw mill-bank fl-ufficju u mhux fuq il-*counter,* izda dik il-prattika kienet twaqqfet. Minn xi sentejn, kwalunkwe ammonti kien jinghataw *over the counter*. L-impjegat li kien jintbaghat ghall-flus kien Karl Borg, ghalkemm gieli mar hu stess biex jizbanka flejjes mill-bank. Tul is-sentejn ta` qabel l-incident, il-flus dejjem inghataw *over the counter* ghalkemm qatt ma kienet somma hekk kbira.

Qal illi meta gieli mar hu ghall-flus il-bank, kienu jghadduh hdejn il-manager li jgiblu whisky u jgiblu l-flus go l-ufficju tieghu. Huwa qatt ma staqsa lil Karl Borg dwar kif kien jigbor il-flus. Ma jafx x`kien ikun hemm miktub fuq l-envelope li jinghata mill-bank biex tpoggew il-flus fih. Borg kien jiehu *briefcase* mieghu fejn iqieghed il-flus. Borg kien ghadu jahdem maghhom.

Sostna li l-kawza saret kontra l-bank peress li ma ghandux dubbju li l-impjegat taghhom kien immarkat fil-bank u meta hareg attakkawh ghax kienu jafu x`kellu.

**Mark Darmanin Kissaun** ikkonferma il-verzjoni ta` Roland Darmanin Kissaun kif dedotta fl-affidavit tieghu.

**Mark Darmanin Kissaun** xehed *viva voce.*

Spjega illi kien hu li awtorizza li tithallas il-bank charge ta` Lm10 minhabba l-izbank ta` flus kontanti kien jaqbez certa ammont.

Qal illi quddiemu Karl Borg cempel darbtjen l-HSBC.

Xehed li dakninhar li kellhom jingabru l-kontanti, Borg mar il-bank ghal xi l-10.30 am / 11.00 am.

Qal illi meta dahal lura l-ufficcju deher f`paniku u mbikkem. Beda jghajjat u jwerzaq li kienu serquh. Deher izappap ghax qala` daqqa ta` sieq tajba. Haduh l-isptar peress li kien laqqat xi daqqiet go wiccu wkoll.

Kompla jghid li l-pulizija kienu interrogawhom u kienu anke gew akkumpanjati l-HSBC. Meta marru l-bank, irrizulta li xi whud mill-*closed circuit television cameras* ma kinux jahdmu, fosthom il-*camera* li tara min hu diehel u hiereg mill-bank. Spjega li mill-*camera* li kienet qed tipponta lejn il-*counter*, kien jidher li waqt li l-kaxxier kien qed jaghti l-flus lil Karl Borg, kien hemm tnejn min-nies hdejh qed iharsu.

Stqarr illi milli ra fil-video, il-flus inghataw *over the counter* u kien hemm hafna nies. Il-pulizija dehru suspettuzi dwar iz-zewg persuni li kienu qed iharsu. David Vella qal lil pulizija li dawk kienu klijenti tal-bank.

Ikkonferma li saret laqgha mal-bank fejn saret offerta *ex gratia* ta` Lm5,000. Huma rrifjutaw l-offerta.

Fil-**kontroezami**, spjega li kien huwa li ta struzzjonijiet lil Karl Borgu biex imur jigbor €75,000 fi flus kontanti. Huwa ma tax struzzjonijiet lill-impjegat tieghu biex il-flus ma jigborhomx minn fuq il-*counter* izda minn go ufficju. Spjega li huwa ma deherlux li kellu jghidlu xi hekk. Ikkonferma li din kienet l-ewwel darba li kien hemm involut ammont hekk kbir peress li s-soltu kien isir zbank ta` madwar Lm5,000. Hafna drabi t-transazzjonijiet jkunu depoziti. Qal li l-impjegat kien jaf li kien ser jirtira u jgorr fuqu ammont hekk kbir u huwa ma kellimx lill-impjegat taghhom fuq xi mizuri ta` sigurta` li kellu jiehu. Borg dejjem mar wahdu. Dakinhar ma ntbaghtux aktar minn persuna wahda ghall-flus. Is-socjeta` attrici ma ghandhiex *security officer* li huwa *equipped* jekk jigri incident bhal dan.

Qal li meta Borg cempel lill-bank lejliet is-serqa kienu prezenti kemm hu kif ukoll Roland Darmanin Kissaun.

Kompla jixhed li l-ordni biex jigu ppreparati €75,000 fi flus kontanti saret verbalment. Kien ippjanat li l-kaptan jingabar mill-bastiment, jmur

ma` Karl Borg il-bank u mbaghad jerga` jittiehed lejn il-yacht. Gara li l-kaptan kien impenjat hafna dik il-gurnata. Huwa ta struzzjonijiet lil Borg biex imur wahdu l-bank. Sar hekk ghaliex meta cempel lill-kaptan biex javzah li kienu ser jghaddu ghalih izda dan infurmahom li kien impenjat. Peress li ma kellhomx hin jistennewh u imbaghad jnizzluh il-bank ghax il-bank kien jilhaq jaghlaq, ittiehdet decizjoni li jmur l-impjegat wahdu. Spjega li huwa cempel lil kaptan xi nofs siegha qabel ma` Borg mar il-bank. Cempel lill-kaptan mill-ufficju tieghu ; ma ftakarx jekk hux bil-mobile jew mill-fixed line.

**Peter Fiorini Lowell** direttur tas-socjeta` attrici xehed *viva voce.*

Stqarr illi huwa ma kienx fl-ufficcju meta sehh il-kaz.

Qal li sar jaf b`li kien gara meta cemplet Joan Vella Triganza.

Qal li mar l-ufficcju u ra kommozzjoni kbira : ambulanza u pulizija nkluz mis-CID. Karl Borg kien qed jirtoghod bil-qatgha li kellu.

Kompla jixhed illi wara xi siegha jew saghtejn marru il-fergha tal-HSBC fil-Gzira flimkien ma` l-pulizija sabiex jaraw ic-CCTV.

Jistqarr illi David Vella kien impressjonah kemm kien eccitat. Osserva zewg persuni li kienu quddiem kaxxiera ohra li dehru suspettuzi u gibed l-attenzjoni tal-pulizija. Vella qal li dawn seta` jahlef fuqhom ghax kien jaf min huma. Osserva bhala fatt li kien hemm xi CCTV cameras li ma kienux qed jahdmu. Meta d-dirigenti tal-bank kienu domandati ghalfejn dawn il-cameras ma kinux qed jahdmu, dawn infurmawhom li kienu rraportaw il-hsara izda kienet ghadha mhix rettifikata.

Stqarr illi huwa gieli mar ghall-flus. Kien jiftiehem mal-manager li kien gej f`data u hin u meta jasal kienu jdahhluh fejn il-manager sabiex ikollu cans jghodd il-flus u johrog bihom go basket. Dakinhar tal-kaz il-flus ghaddew *over the counter* ghax hekk kien evidenti li sar mill-filmati.

**L-ex Supretendent tal-Pulizija Anthony Portelli** xehed *viva voce.*

Stqarr illi dwar il-kaz in ezami kienet saret inkjesta magisterjali.

Qal illi kien irrizulta li s-socjeta` attrici sfat misruqa izda ma nstabux provi dwar min ikkommetta r-reat. Fost is-suspettati kien hemm il-mejjet Noel Carabott izda dan cahad li kien involut.

Qal illi huwa kellu suspett fi Karl Borg peress li ma kienx ikkonvincih bil-verzjoni tieghu izda ma seta` jaghmel xejn.

Qal illi kien instab il-mutur li ntuza fis-serqa li kien misruq.

Spjega li huwa kien ra l-filmati tal-bank, izda l-flus ma nsterqux mill-bank.

Qal illi l-mutur kien registrat fl-isem ta` Anthony Bugeja u kien rappurat nieqes fis-7 ta` Frar 2005. Ma jiftakarx meta nstab il-mutur. Il-camera fuq il-counter tal-kaxxier u dik ta` barra kienu qed jahdmu, ghalkemm jista` jkun li kien hemm xi camera ohra tal-bank li ma kinitx qed tahdem.

Xehed illi huwa nvestiga 16-il persuna, fosthom lil David Vella u lill-vittma nnifsu.

Qal illi billi l-kaz kien ghadu *unsolved* u taht investigazzjoni, ma kienx opportune li jigu rilaxxjati dokumenti relatati mal-investigazzjoni.

Stqarr illi s-suspett tieghu waqa` fuq Karl Borg l-impjegat tas-socjeta` attrici. Pero` ma kellux provi u ghalhekk il-kaz baqa` insolut.

Fil-**kontroezami**, xehed mill-istharrig kien jidher illi s-serqa kienet ilha ppjanata peress li l-mutur kien misruq ghall-uzu qabel is-serqa de qua.

Stqarr illi huwa baghat ghal Karl Borg diversi drabi izda ghalkemm ma kienx hemm provi kontra tieghu, u li jibqa` jemmen li kien involut.

**L-Ispettur tal-Pulizija Joseph Mercieca** xehed *viva voce.*

Ipprezenta kopja tar-rapport li thejja mill-ufficjal investigattiv, kopja ta` l-istqarrija ta` David Vella, u stqarrija nterna li ghamel David Vella mal-bank.

**L-Ispettur tal-Pulizija Darrel Borg** xehed illi fis-16 ta` Gunju 2005 Edmond Sciberras ghamel rapport li kien safa misruq il-mutur Piaggio Typhoon Nru EBF 262. Sar rapport fil-21 ta` Gunju 2005 li dak il-mutur kien instab Ta` Xbiex wara li kien involut go serqa. Konsegwenza tas-serqa, saret inkjesta magisterjali.

**David Vella** pprezenta affidavit.

Xehed illi huwa impjegat tal-bank konvenut sa minn Ottubru 1985.

Huwa kien *assistant branch manager.*

Meta sehh il-kaz in kwistjoni, kien jahdem fil-fergha tal-bank tal-Gzira bhala *senior customer service officer.*

Xehed li fl-20 ta` Gunju 2005 huwa kien fil-*back office* tal-fergha tal-Gzira u dahal Karl Borg fejn minn *microphone* ta` quddiem il-*cubicles* tal-kaxxiera kien indirizzah fejn talbu jekk il-bank kellux €75,000 biex jingibdu l-ghada. Huwa wiegeb fin-negattiv izda qam minn fejn kien u mar ikellmu minn hdejn il-kaxxier fejn infurmah li minhabba li l-ordni kienet qed issir b`urgenza, kien hemm *charge* tal-bank. Borg accetta li tithallas ic-*charge* purche` jghaddi ghall-flus huwa stess fl-istess hin l-ghada. Huwa ghamel l-ordni mmedjatament lil *cash centre* tal-bank. L-ghada Borg mar biex jigbor il-flus ordnati u ha mieghu ittra ta` awtorizzazzjoni sabiex ikun jista` jinghata l-flus. Il-kaxxier ghaddielu pakkett ta` €75,000 ma` xi flus kontanti ohra. Borg baqa` gol-bank ghal diversi minuti wara li rcieva l-flus minghand il-kaxxier.

Stqarr illi wara xi jiem sar jaf li kienet saret *hold up* fuq Karl Borg u ntalbu xi *footages* mill-cameras tal-bank.

Ikkonferma l-istqarrija rilaxxjata lill-Pulizija, u anke kull ma qal lill-Pulizija *a tempo vergine.*

Fil-**kontroezami**, stqarr illi ma jiftakarx li kienu gew skambjati telefonati dwar l-ordni ta` l-flus. Jiftakar biss il-konversazzjoni li saret quddiem il-kaxxier. Jista` jkun li dakinhar stess tas-serqa, l-Ispettur Borg mar il-bank izda ma jiftakarx ezatt. Kienu jinghataw struzzjonijiet li l-klijenti li jigu ghal flus bejn nofsinhar u s-siegha ta` wara nofsinhar biex jilhqu jaslu l-flus. Ikkonferma li kien hu li qal lil Karl Borg biex ma jmurx kmieni ghall-flus.

**Joseph Mangion** - rapprezentant ta` Altas Insurance PCC Ltd - xehed li s-socjeta` attrici kienet ghamlet claim dwar *hold up* fuq impjegat taghha li sehh fil-21 ta` Gunju 2005.

Spjega li Atlas Insurance PCC Ltd kienet hallset indennizz ta` Lm3,000. Fis-serqa kienu insterqu madwar Lm32,850 li kienu jinkludi €75,360 u Lm500.

Mistoqsi mill-Qorti kif ladarba l-*claim* kienet ghal somma ikbar,ghaliex kienu likwidati biss Lm3,000, spjega li l-assigurat kellu limitu fuq l-assigurazzjoni tal-flus li ghamel kif ukoll kien hemm kundizzjoni li ghal garr ta` flus iktar minn Lm3,000, ried ikun hemm certu ammont ta` sigurta. Il-limitu tal-polza kienet ta` Lm5,000 kif ukoll kien hemm kundizzjoni li jekk qed jingarru aktar minn Lm3,000 irid ikun hemm zewg persuni jakkumpanjaw lil xulxin. Fil-kaz tal-lum irrizulta li kien hemm persuna wahda iggor il-flus. Il-hlas ta` t-Lm3,000 ma sarx *ex gratia.* Is-socjeta` assikuratici kienet inkarigat lil MSV Valletta Ltd biex jinvestigaw il-kaz u jaghtu rapport. Ipprezenta kopja tal-*money insurance schedule*, il-*final report* u d-*discharge form.* Ipprezenta wkoll il-*preliminary report* lisar minn MSV Valletta Ltd.

**Jason Vassallo** xehed li fl-2005 kien jahdem bhala *insurance loss adjustor* ma` MSV Valletta Ltd. Ix-xoghol tieghu kien illi wara lit kun saret claim jistabilixxi l-fatti u jaghmel rakkomandazzjonijiet abbazi tal-polza ta`

assigurazzjoni vigenti. Ikkonferma l-kontenut tar-rapporti li ghamel. L-inkariku wasal minghand Atlas Insurance PCC Limited.

Xehed illi mar l-ufficju ta` S & D Yachts Limited u tkellem mad-diretturi u impjegati. La kellem lill-kaptan tal-bastiment li kien ordna l-flus. Lanqas ma kellem lil rapprezentanti ta` HSBC.

Fisser illi huwa staqsa lis-socjeta` attrici dwar kif sar il-gbir tal-flus u ppresta attenzjoni partikolari dwarha peress li kien hemm kundizzjoni fil-polza dwar kif kellu jsir il-gbir.

Spjega li l-attenzjoni kienet l-iktar dwar in-numru ta` nies li jridu jkunu mal-flus li qed jigu trasportati.

Qal illi huwa ma nvestigax il-mizuri ta` protezzjoni tal-bank peress li s-serqa ma saritx gol-bank.

Afferma li ghalihom kien importanti li jistabilixxu jekk verament insterqux dawn il-flus u jekk il-kondizzjonijiet tal-polza gewx sodisfatti. Ghalhekk l-indagini tieghu kienet limitata ghall-polza, u ghall-grajjiet li wasslu ghat-telf ta` l-flus.

## III. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu, il-bank konvenut jeccepixxi l-irritwalita` u n-nullita` tar-rikors promotur billi jghid illi fih konfuzjoni ta` kawzi. In sostenn tal-eccezzjoni, il-bank konvenut jirreferi ghall-paragrafu 7 tar-rikors promotur fejn jinghad li d-danni reklamati huma danni kontrattwali ta` bejn bank u klijent, mentri fil-paragrafu 8 jinghad illi d-danni reklamati huma danni delittwali. Ghalhekk l-eccipjent jinvoka t-thaddim tal-principju : *selecta una via non datur recursus ad alteram.*

Tajjeb jinghad illi fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha, is-socjeta` attrici ghamlet enfasi fuq il-pretensjoni li fil-fehma taghha dak kien kaz car ta` negligenza ; issa kenitx dik in-negligenza tammonta ghal ksur *ex contractu* inkella *ex delicto* hija materja li trid tirrizulta mill-provi.

Il-Qorti qieset il-premessi tar-rikors promotur.

**Tghid li mhux eskluz *ex lege* li tista` tkun promossa azzjoni mista fis-sens illi fl-istess azzjoni, isiru talbiet ghal allegati danni kontrattwali, kif ukoll talbiet ghal allegati danni akwiljani.**

Issir riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-23 ta` Mejju 2003 fil-kawza "**Laurenti et vs Mapa Holdings Ltd"** fejn inghad hekk :-

*Il-fatt illi hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet ma jfissirx illi kull hsara li ssir tkun bil-fors konsegwenza ta` inadempiment ta` xi obbligazzjoni li tohrog mill-kuntratt.*

Fis-sentenza li tat fid-19 ta` Lulju 2013 fil-kawza "**Bannerman et vs Camilleri pro et noe et**" din il-Qorti diversament ippreseduta ghamlet riferenza ghal sentenza li kienet tat il-Qorti tal-Appell fl-istess kawza fit-8 ta` Gunju 1998 fejn kien stabbilit li l-azzjoni tista` tkun wahda mista. Inghad hekk :-

*Kif gia rilevat u kif iddeciedit il-Qorti tal-Appell, **il-presenti hi azzjoni mista in kwantu l-atturi qed jitolbu l-likwidazzjoni tad-danni a bazi ta` negligenza kriminali, imprudenza, imperizja u nuqqas ta` tharis tar-regolamenti da parti tal-konvenuti, u dan ukoll kif specifikat fil-premessi fic-citazzjoni. L-azzjoni qed issir ukoll a bazi ta` danni kontrattwali naxxenti minn kuntratt ta` impieg bejn l-ewwel socjeta` u l-mejjet Leonard Angus Gray Bannerman.** L-Onorabbli Qorti tal-Appell iddecidiet, b`mod definittiv, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif ibbazata fuq l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili u dana bis-sentenza tat-8 ta` Gunju, 1998 fejn l-appell tal-konvenuti gie michud u fejn l-azzjoni tal-atturi, kif ibbazata fuq l-allegazzjoni li d-danni gew kkawzati mhux b`reat kriminali, hi estiinta. F`dan ir-rigward gie deciz mill-Qorti tal-Appell, fl-imsemmija sentenza, li –*

*"Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-att tac-citazzjoni u ssib li ma tistax pero taqbel mal-appellant proprio et nomine {il-konvenuti) li l-azzjoni kif tentata hi purament wahda ghad-dikjarazzjoni tar-responsabilita delittwuza jew kwazi delittwuza li twassal ghal-likwidazzjoni tal-kundanna ghall-hlas ta` danni hekk imsejha akwiljani. Infatti l-azzjoni hi kjarament wahda mista in kwantu l-atturi appellati qeghdin jittantaw jitolbu mill-Qorti l-likwidazzjoni ta` danni minnhom pretizi kemm a bazi ta` negligenza*

*kriminali, imprudenza, imperizja u nuqqas ta` tharis tar-regolamenti da parti talkonvenuti, kif specifikat fil-premessi, kif ukoll a bazi ta` danni kontrattwali naxxenti minn kuntratt ta` impieg ..”*

*Il-Qorti tal-Appell kompliet tikkonsidra, fl-istess sentenza,* ***li l-premessa principali fl-att tac-citazzjoni hi illi l-atturi “ghandhom dritt ghad-danni kontrattwali u dawk naxxenti minn reat in kwantu l-agir tal-konvenuti huwa punibbli ghan-negligenza kriminali. F`sitwazzjoni ta` din ix-xorta fejn l-azzjoni hi mista u bazata fuq premessi differenti tendenti ghall-istess ezitu,*** *jkunu applikabbli zewg termini preskrittivi li jolqtu responsabilitajiet differenti tad-debitu filkonfront tal-kreditur. Ma hemmx allura dubju illi dik il-parti ta` l-azzjoni li hija mpernjata “ex contractu” u li fiha l-atturi nomine qeghdin jippretendu li ghandhom dritt li jigu rizarciti ghal xi danni konsegwenzjali ghall-inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta konvenuta, ma tistax titqies li hi milquta bil-preskrizzjoni ta` sentejn ai termini ta` l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili li fir-rigward ta` din il-parti tal-azzjoni ma tirrizultax li hi applikabbli. Dan ma jfissirx pero` illi tali perjodu preskrittiv ma jistax ikun applikabbli ghal dik il-parti ta` l-azzjoni fejn l-atturi qeghdin jibbazaw it-talbiet taghhom fuq agir delittwuz jew kwazi delittwuz. Taht dan l-aspett allura tkun applikabbli l-preskrizzjoni ta` sentejn u l-azzjoni ghandha titqies li hi estinta.*

***Naturalment iz-zewg faccati ta` l-azzjoni ghandhom jibqghu jinzammu separati u distinti*** *u fil-kaz taht ezami ghandha titqies li giet salvata dik il-parti tal-azzjoni li hi bazata fuq ir-rizarciment ta` danni kontrattwali fejn allura lpreskrizzjoni applikabbli hija dik kwinkwennali.” Ghalhekk l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddeciedit li din* ***l-azzjoni tal-atturi hi wahda mista*** *u li l-azzjoni, kif ibbazata fuq danni naxxenti minn agir delittwuz jew kwazi delittwuz, hi estinta. Il-kawza pero` kellha tissokta a bazi tad-danni “ex contrattu.” cioe` danni naxxenti mill-inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenuti.”* (enfazi mizjud minn din il-Qorti)

Sentenza rilevanti ghall-fini tal-ewwel eccezzjoni hija dik li tat il-Qorti tal-Kummerc fit-18 ta` April 1963 (Kollez Vol XLVII.III.1110) fil-kawza “**Arthur George Lambert et vs Anthony Buttigieg pro et noe et**” fejn intqal li ma hemm xejn inkompatibili bejn responsabbilita` kontrattwali u htija aquiliana. Jista` jkun hemm delitt jew kwazi delitt anke f`materja ta` obligazzjonijiet konvenzjonali. Fil-kawza de qua, kienet qed isir ezami *inter alia* tar-relazzjoni bejn lukandier u l-alloggjat u hemm inghad illi l-parti leza jista` jkollha zewg azzjonijiet kemm dik derivanti mill-inadempiment tal-kuntratt kif ukoll dik derivanti minn kwazi delitt. In partikolari l-Qorti qalet hekk :-

*" … Ir-responsabbilita` ghad-danni, in rigward tal-konvenut Buttigieg, hi ghalhekk derivanti mill-inadempiment tal-kuntratt. Pero` r-responsabilita` ta` l-istess konvenut Buttigieg fil-kaz prezenti tidderiva wkoll minn kwazi delitt, u kif sewwa irrileva l-perit, ma hemm xejn inkompatibbli bejn responsabbilita` kontrattwali u htija aquiliana. Kif gia` din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tirrileva jista` jkun hemm delitt jew kwazi delitt anke f` materja ta` obbligazzjonijiet konvenzjonali; f` liema ipotesi l-parti lesa jista` jkollha zewg azzjonijiet."*

Similment din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fid-decizjoni taghha tas-7 ta` Frar, 2012 fil-kawza "**Air Malta plc et vs Malta International Airport plc"** irrilevat illi anke meta ma tirrizultax b`mod car il-bazi ta` l-azzjoni, dan mhuwiex ostaklu ghall-indagni tal-Qorti, li ghandha tezamina ir-responsabbilita` allegata tal-konvenuta mill-allegati aspetti kuntrattwali u/jew delittwali ukoll :

*Illi jidher ghalhekk li l-bazi legali tal-azzjoni attrici hija dik naxxenti mir-responsabbilita tas-socjeta konvenuta rizultanti minhabba allegati nuqqas ta` osservanza ta` obbligi kuntrattwali taghha u/jew mill-provi nuqqas ta` responsabbilita` anke ta` natura ex delicto. Illi s-socjeta konvenuta kkontestat b`certa qawwa dan it-tentattiv da parti tas-socjetajiet attrici li jwessghu il-binarji tal-kawza promossa minnhom stess billi fil-fehma taghhom fir-rikors guramentat promotur ma giet allegata lebda responsabbilta da parti tas-socjeta` konvenuta a bazi ta` allegat ksur ta` obbligi kuntrattwali jew responsabbilita ta` natura delittwali. Il-kawza giet proposta esklussivament u limitatment fuq allegat obbligu naxxenti minn ligi li kienet tezisti fiz-zmien rilevanti tal-incident.*

*Illi huwa veru li fir-rikors guramentat s-socjetajiet attrici ma ghamlu l-ebda riferenza ut sic li d-danni minnhom pretizi kienu naxxenti minn allegat ksur tal-obbligi kuntrattwali assunti mis-socjeta konvenuta jew alternativament minhabba xi negligenza jew imprudenza fl-agir taghhom. Izda dejjem il-fatt li l-punt ta` tluq tal-kawza attrici hu li dakinhar tal-incident is-socjeta` konvenuta ma kelliex fis-sehh sistema ta` bird strike reduction skont il-ligi u li konsegwentement l-incident sehh tort taghha. Huwa evidenti li ghas-socjeta konvenuta huma biss il-premessi kif espressament esposti fl-att promotur tar-rikors guramentat illi jiddeterminaw in-natura ta` l-azzjoni attrici.*

*Issa ghalkemm huwa minnu li fl-att promotur is-socjetajiet attrici ma jallegaw l-ebda ksur ta` obbligi kuntrattwali jew xi responsabbilita ta` natura delittwali, l-Qrati taghna mhumiex daqstant rigidi f`kawzi fejn il-mertu jinvolvi kwistjonijiet simili. B`hekk per ezampju fil-kawza "Gaetano Spiteri pro et noe vs Thomas Castle" (P.A. - 18 ta` Awissu 1965) gie enuncjat il-*

*principju illi fid-determinazzjoni tan-natura tal-htija u konsegwentemtement fid-determinazzjoni ta` liema perjodu ta` preskrizzjoni huwa applikabbli ghall-azzjoni istitwita mid-danneggjat, il-Qorti ma ghandhiex toqghod biss fuq il-premessi esposti mill-attur fl-att promotur izda ghandha tikkunsidra u tapprezza l-fattispecie tal-kaz fl-intier taghhom. Hekk ukoll fis-sentenza "Av. Louis Cassar Pullicino nomine vs Angelo Xuereb nomine et" (A.C. - 20 ta` Frar 2009) gie ritenut illi "huwa principju stabbilit fis-sistema giuridika nostrali ii fl-individwazzjoni tan-natura tal-colpa hafna jrid jithalla ghall-interpretazzjoni giudizzjarja jew iktar bi precizjoni, ghad-diskrezzjoni talgudikant fl-apprezzament tal-fattispecji dedotti."*

*Illi in vista tal-gurisprudenza hawn fuq citata din l-Qorti taqbel mal-Perit Legali meta jghid li ma jarax ostaklu ghall-indagni ta` dina l-Qorti in vista tal-mod kif giet formulata l-azzjoni attrici fir-rikors guramentat promotur u ghalhekk ir-responsabbilita` allegata tas-socjeta konvenuta tista` tigi ezaminata mill-allegati aspetti kuntrattwali u/jew delittwali ukoll.*

Anke din il-Qorti tikkonferma li l-azzjoni tista` tkun wahda mista. Il-principju *selecta una via non datur recursus ad alteram* mhuwiex applikabbli ghall-kaz tal-lum, billi dak ighodd meta dak li jkun qed jintalab mill-attur jkunu zewg talbiet opposti jew konfliggenti. Ghalhekk hemm jinghad li ladarba wiehed ikun ghazel triq, ma jistax fl-istess waqt jinvoka li jghaddi minn triq ohra jekk l-ewwel triq ma twasslux fejn jixtieq.

Fil-kaz odjern, it-talbiet kif impostati jistghu jsiru fl-istess azzjoni ghax mhux opposti ghal xulxin billi l-iskop ahhari huwa wiehed.

Issir riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti tad-9 ta` April 1949 fil-kawza "**Vassallo vs Mizzi et**" (Kollez. Vol. XXXIII.II.379) fejn inghad illi "*l-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita` taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad.*"

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni.**

## IV. L-ewwel talba u l-bqija tal-eccezzjonijiet

### 1. Responsabilita` kontrattwali

Il-Qorti sejra tghaddi biex tqis it-talbiet tas-socjeta` attrici mil-lenti ta` responsabbilita` kontrattwali.

Ghandu jigi senjalat illi fil-kaz ta` azzjoni ghal danni naxxenti minn responsabilita` *ex contractu* l-attur irid jaghmel il-prova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kontrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta` dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta` l-attur. F`azzjoni ta` din ix-xorta huwa l-konvenut li ghandu oneru ta` prova iktar difficli impost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li dik l-inadempjenza jekk kien hemm rrizultat minhabba cirkostanzi li fuqhom ma kellux kontroll (ara s-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-3 ta` Lulju 2003 fil-kawza "**Av. Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb noe et**").

Fis-sentenza diga` citata "**Vassallo vs Mizzi et**", il-Qorti qieset illi :-

*In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita` fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wiehed jista` jirrispondi ta` htija hafifa skond il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita` testendi ruhha b`mod li dwarha ma hemmx grad.*

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta illi kien hemm relazzjoni *ex contractu.* Il-bank ghandu jaghti servizz tajjeb lill-klijent b`mod li jesponix lill-klijent ghal dannu. F`ghajnejn din il-Qorti, huwa tassew ta` thassib li l-izbank ta` ammont ta` flus kontanti daqstant kbir jigi trattat bl-istess mod daqs li kieku dak l-izbank kien ta` somma zghira ta` flus. Mill-provi jirrizulta li s-somma rikjesta f`kontanti kienet ta` €75,360, allura ammont sostanzjali. Ghalkemm ma hemmx qbil dwar kif saret l-ordni tal-flus, ossija huwiex bit-telefon, kif inghad mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici, jew verbalment fil-bank stess, kif stqarr ir-rapprezentant tal-bank konvenut, il-fatt jibqa` li s-somma issemmiet fil-miftuh, u fiz-zona tal-fergha tal-bank miftuha ghall-pubbliku. L-impjegat tal-bank konvenut David Vella sostna li lejliet is-serqa, l-ammont issemma *over the public microphone* li jkun hemm quddiem il-kaxxier mill-

impjegat tas-socjeta` attrici, Karl Borg mentri l-impjegat tas-socjeta` attrici, Karl Borg sostna li lejliet is-serqa, l-ammont issemma *over the counter* mill-istess David Vella. Is-socjeta` attrici ntilfet fi provi biex turi li tassew kienu saru telefonati lill-bank konvenut lejliet is-serqa, kif ukoll ressqet lil Karl Borg bhala xhud taghha u insistiet fuq ix-xiehda tieghu tant li kienu prezentati zewg affidavits tieghu u ddepona *viva voce.*

Apparti l-kwistjoni ta` kif issemma l-ammont u ta` kif saret l-ordni ta` l-flus, ghal din il-Qorti jibqa` fatt gravi illi dakinhar tas-serqa, il-flus kontanti gew ikkonsenjati *over the counter* quddiem il-pubbliku b`mod u manjiera li kienu ben in vista ghal kull persuna li kienet fil-fergha – klijenti u mhux. Lanqas ma jirrizulta li l-klijent nghata l-opportunita` li jghodd il-flus. Fic-cirkostanzi ta` kif saret il-konsenja fil-kaz in ezami, l-ghadd kien ikollu jsir taht ghajnejn il-pubbliku.

Il-Qorti tiskarta bhala mhux kostitwenti prova l-fehmiet u/jew suspetti espressi mill-ex Supt tal-Pulizija Anthony Portelli dwar il-posizzjoni ta` Karl Borg.

Il-Qorti taghti affidament ghal li stqarr Karl Borg fis-sens li l-kaxxier li kien qed jaqdih kien irrimarka dwar l-ammont sostanzjali ta` flus fejn irrefera ghal *"briksa".*

Kien jinkombi fuq il-bank konvenut li joffri sigurta`, serhan il-mohh kif ukoll kawtela fl-esposizzjoni ta` klijent li jkun ghamel ordni ghal ammont daqstant sostanzjali ta` kontanti.

Il-Qorti ma taccettax illi l-bank jista` jittenta li jiskolpa ruhu billi jghid illi s-serqa ma saritx fil-fergha tal-bank, jew li kellu jkun il-klijent li jekk ihoss il-htiega, jitlob li jigbor il-flus go kamra fil-privat.

Din il-Qorti ma tikkondividix il-posizzjoni tal-bank.

L-obbligu tal-bank li jaqdi lill-klijenti tieghu bl-ahjar mod u fis-sigurta` jolqot l-essenza tas-servizz li jaghti. Il-mizuri tas-sigurta` li jipprovdi ghandhom jixhdu sinergija u jkunu komprensivi. Ghandhom ikunu dettati mill-htiega kontinwa u konsistenti ta` prevenzjoni sa minn dak li jigri mill-bankina ta` barra l-fergha kif ukoll dak li jigri gewwa. Ghalkemm evidenti,

il-Qorti tishaq illi n-negozju li jsir fil-bank mhuwiex bhal kwalsiasi xoghol iehor. Haga wahda mas-servizz hija s-sigurta`. Ix-xoghol fil-bank jesigi sigurta` massima. Li jfisser *non lasciare niente al caso.* Li jfisser ukoll li l-kunfidenza fl-ezekuzzjoni tax-xoghol anke ma` klijent abitwali ghandha tithalla barra l-bieb tal-fergha. Il-bank ghandu jhares it-transazzjonijiet li jsiru mill-klijenti bl-iktar mod kunfidenzjali. Fil-kaz in ezami, ma jidhirx li nzammet xi diskrezzjoni. Infatti meta l-ghada Karl Borg mar biex jigbor l-ammont ta` flus u staqsa ghal David Vella, irrizulta li certu impjegat Ivan qabez u nfurmah li l-flus kienu qeghdin ghandu u dan imbaghad ghaddihom lil kaxxier jismu Neil. Il-Qorti tghid illi t-transazzjoni b`ammont daqshekk gholi ta` kontanti kellha tkun ikkurata minn impjegat wiehed sabiex tkun tutelata ahjar id-diskrezzjoni.

Anke l-kwistjoni ta` xi *cameras* li ma kinux qeghdin jahdmu jipponta ghal nuqqas da parti tal-bank li jipprotegi lill-klijenti tieghu. Ghal darb`ohra, jinghad li klijent imur il-bank b`serhan il-mohh li l-interessi qed jigu mharsa. Il-fatt li xi *cameras* ma kinux qed jiffunzjonaw huwa fatt negattiv. Mhuwiex argument fondat illi jinghad li kien hemm *cameras* ohra li kienu qed jahdmu, u li s-serqa ma sehhitx gewwa l-edificcju tal-bank. Jibqa` bhala fatt li kien hemm *cameras* li mhumiex jahdmu u dan in-nuqqas huwa ndikattiv ta` karenza mhux biss ta` sigurta` izda tal-htiega tas-sigurta`. Indikattiva wkoll ghall-fini tal-assjem hija l-prova li ngabet a fol 56 (u mhux kontestata mill-bank) illi ftit jien wara is-serqa de qua, il-bank ghamel investiment ta` *high tech security* sabiex jipprovdi ambjent sikur ghal klijentela tieghu. Il-kliem preciz kien : *"The bank is very conscious that due to the nature of our business, it is a critical need to have a safe and secure environment."*

Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-premess iwassalha biex tikkonkludi li kien hemm inadempjenzi da parti tal-bank.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet, il-bank ighid li ma kien indikat l-ebda artikolu ta` ligi li gie vjolat u li ghalhekk ma jistax jigi misjub responsabbli ghal xi att illecitu.

Din il-Qorti tishaq li bejn bank u klijent, hemm relazzjoni kontrattwali fejn il-bank ghandu l-obbligu kontrattwali li jaghti servizz tajjeb, efficjenti u fuq kollox sikur lill-klijent. In-nuqqas riskontrat fil-kaz tal-lum kien gravi ghaliex ikkonduca transazzjoni bankarja li d-diligenza u l-buon sens kienu jesigu li tkun kondotta diversament u b`aktar kawtela ghall-klijent li talab servizz lill-bank tieghu.

Ghal din il-Qorti, hemm prova tar-responsabbilita` tal-bank fil-konfront tal-klijent taghha derivanti mir-relazzjoni ta` bejniethom. Il-hsara li garrab il-klijent kienet relatata u derivanti ghaliex il-bank kien inadempjenti fit-twettieq tal-obbligi tieghu. Ghalhekk huwa responsabbli ghad-danni.

**Dan premess, il-Qorti tghid ukoll illi l-bank ma kienx wahdu responsabbli ghal inadempjenzi kontrattwali ghaliex anke s-socjeta` attrici kellha obbligi x`tittutela naxxenti minn dik ir-relazzjoni.**

## 2. Kontributorjeta` da parti tas-socjeta` attrici

Irrizulta li fil-kaz in ezami s-socjeta` attrici trattat il-gbir tal-flus kontanti mill-bank b`leggerenza u nuqqas ta` previdenza, daqs li kieku kienet qeghda tizbanka ammonti izghar ta` kontanti kif ta` spiss kienet taghmel.

Irrizulta mill-provi li gabet is-socjeta` attrici stess illi dik in kwistjoni kienet l-ewwel darba li l-impjegat taghha ntbaghat jigbor ammont daqstant konsiderevoli ta` flus. La kien hekk is-socjeta` attrici messha kienet kawta u prudenti fil-prekawzjonijiet li kellha tiehu. Eppure ma ghamlet aktar milli solitament kienet taghmel.

Irrizulta li l-impjegat ma gie moghti l-ebda struzzjonijiet partikolari dwar kif kellu jgorr dawn il-flus.

Irrizulta li ma nghata l-ebda tahrig partikolari dwar il-garr ta` flejjes hekk sostanzjali.

Irrizulta inoltre li lanqas ma kien hemm CCTV cameras fl-ufficini tas-socjeta` attrici (ara fol 154 et seq).

Mhux accettabbli li ntbaghat impjegat wiehed biss biex jigbor il-flus minghajr assistenza ta` haddiehor. L-impjegat kien espost gravement ghal agressjoni li potenzjalment seta` kellha konsegwenzi aktar aghar. In-nuqqas jibbrilla aktar meta jitqies li s-socjeta` attrici kienet konsapevoli li kien aktar indikat li jkun hemm ta` l-inqas zewg persuni li jmorru ghall-flus. Infatti fil-

bidu l-pjan kien li l-impjegat tas-socjeta` attrici Karl Borg imur ghal kaptan tal-yacht li ghalih kien qed jingabru dawn il-flus, u dan jakkumpanja lil Karl Borg il-bank.

Madanakollu, mix-xhieda prodotta, jidher li l-kaptan ma setax jakkumpanja lil Borg fil-hin li ndikat in vista ta` impenji ohra u ghalhekk, Mark Darmanin Kissaun ta struzzjonijiet lil Borg biex dan imur wahdu l-bank. Din id-decizjoni kienet azzardata u ghalhekk zbaljata. Minn htiega li jkun hemm prezenti ma` l-impjegat tas-socjeta` attrici l-kaptan ukoll li *del resto* kien fl-ahhar mill-ahhar il-beneficjarju ta` l-flejjes spicca li l-impjegat mar wahdu. L-ghaqal kien jiddetta xort`ohra.

Tajjeb jinghad li n-nuqqasijiet tas-socjeta` attrici kienu ndikati mir-rapprezentanti tal-assikurazzjoni ta` l-attrici li ghamlitha cara li l-attrici kienet ikkompensata ammont ta` Lm3,000 biss mhux l-ammont li rreklamat u dan peress li skont kundizzjoni tal-polza ta` assigurazzjoni, kien hemm espressament imnizzel li fil-kaz li l-*money in transit* jkun jeccedi t-Lm3,000, il-persuni li jgorru il-flejjes kellhom ikunu tnejn ta` l-anqas (ara fol 262). Billi ma kenitx sodisfatta kondizzjoni tal-polza, ittiehdet decizjoni mill-assikurazzjoni li jinghata biss kumpens daqs li kieku s-somma kienet Lm3,000 stante li l-attrici kienet koperta biss sa dik is-somma ladarba baghtet impjegat wiehed biss jigbor tali flejjes mill-bank. In parentesi jinghad ukoll li l-polza kien tkopri biss limitu ta` Lm5,000 ghal *cash in transit* (ara fol 261).

Is-socjeta` attrici tikkontesta li kellha xi responsabbilita` ghal dak li sehh u sostniet li anke li kieku baghtet tlett impjegati ghal dawn il-flus, hadd mill-impjegati taghha ma kien addestrat sabiex jirrespingi aggressjoni u dana bil-konsegwenza, li kieku s-serqa kienet xorta ssehh. Din il-Qorti ma tarax li ghandha toqghod tiddibatti dan il-punt, izda fil-fehma taghha li kieku kien hemm aktar minn impjegat wiehed, ic-cirkostanzi setghu kienu differenti stante li kien ikun hemm anqas cans li ssir l-aggressjoni jew li l-aggressjoni tirnexxi kif fil-fatt irnexxiet f` dan il-kaz.

Is-socjeta` attrici qalet ukoll illi fil-polza kien hemm kundizzjoni li f` distanza ta` aktar minn kilometru tintuza vettura ghal garr tal-flus, mentri f` dan il-kaz, is-socjeta` kienet tant prudenti li anke f` distanza ta` bejn 400 sa 500 metru, intuzat karozza. Dan il-fatt xorta ma jservix biex jezimi lis-socjeta` attrici minn responsabilita` ghal dak li sehh. Din il-Qorti hija propensa li l-impjegat utilizza l-vettura tieghu mhux biex ikun aktar kawt u prudenti izda peress li kien ovvjament aktar konvenjenti u komdu ghalih li

jmur bil-karozza, iktar u iktar meta ma kienx ser jitlef il-parkegg tieghu malli jirritorna lura lejn l-ufficju peress li l-ufficju tas-socjeta` attrici tipprovdi parkegg lill-impjegati taghha !

Din il-Qorti tghid ukoll li s-socjeta` attrici gharrfet l-izball taghha tant li in segwitu ghal dan l-incident, biddlet il-metodu ta` kif jingarru l-flus mill-bank. Infatti, irrizulta li llum il-gurnata giet inkarigata kumpannija privata tas-sigurta biex iggorr ammonti sostanzjali ta` flus mill-bank ghas-socjeta` attrici u vice versa. Inoltre, Karl Borg ma ghadux jintbaghat il-bank bi flus kontanti izda biss b`cheques, u mistoqsi jekk jafx x`kien qed jigri mill-flus kontanti, huwa spjega li ma kellux dik l-informazzjoni. Dan kollu huwa ndikattiv tal-fatt li s-socjeta` attrici ndunat bin-nuqqasijiet taghha u pprovat titghallem mill-izbalji taghha.

Fir-rapport tal-pulzija a fol 160 jinghad :-

*"From this investigaton it was determined that the S & D Company lack serious security arrangaments where cash is involved, also there is lack of security within the company office personnel when discussing cash in transit arrangements."*

## 3. Ripartizzjoni tar-responsabilita`

**Il-Qorti hija tal-fehma li l-partijiet ghandhom igorru responsabilita` ndaqs ghall-karenzi taghhom risultanti mir-relazzjoni kontrattwali taghhom.**

## 4. Responsabilita` akwiljana

Il-Qorti sejra tghaddi biex tqis it-talbiet tas-socjeta` attrici mil-lenti ta` responsabbilita` akwiljana.

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-Art 1031 u ghall-Art 1032(1) tal-Kap 16 li huma d-disposizzjonijiet li jirregolaw il-*culpa aquiliana* fil-ordinament taghna.

Il-prova rikjesta ghal din ix-xorta ta` responsabilita` hija diversa ferm minn dik trattata aktar kmieni ghaliex *"fil-kaz ta` azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita` extra-contrattuale huwa l-attur li ghandu oneru ta` prova iktar difficli impost fuqu ghaliex f`tali kaz huwa jrid jipprova n-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert."* (ara : "**Av. Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb noe et**" : op. cit.)

L-istess inghad minn din il-Qorti hekk kif diversament presjeduta fis-sentenza taghha tat-12 ta` Jannar 2012 fil-kawza "**Group 4 Securitas (Malta) Limited et vs Michael Angelo Pace et**" :-

*Fil-kaz ta` azzjoni ghal htija extra-kuntrattwali jew akwiljana, l-parti attrici trid tipprova kemm il-fatt (l-ghamil jew l-omissjoni) li bih tixli lill-parti mharrka u kif ukoll li kien sewwasew dak il-fatt li ikkawza l-hsara mgarrba.*

Fis-sentenza taghha tad-9 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Carmelo Farrugia et vs Victor Conti**" spjegat li : *"Intqal diversi drabi li biex tirrizulta responsabbilita` ghall-hsara, irid ikun hemm ness ta` kawza u effett, u dan in-ness irid jigi pruvat mill-vittma tal-hsara (ara sentenzi riportati fil-Vol. XLI.I.800, XXVI.I.687 u XLII.I.517)."*

Fid-decizjoni ta` din il-Qorti tal-31 ta` Mejju 1972 fil-kawza "**Dr Herbert Lenicker vs Joseph Camilleri**" kien osservat illi :-

*F` kawza civili l-attur li jallega li gratlu hsara b`tort tal-konvenut, irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment ma hux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara b`tort tal-attur); dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident jkun tal-attur, imma sempliciment ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu.*

[ara wkoll : Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) - "**Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Ltd**" : 13 ta` Jannar 1999 ; "**Gerald Bugeja vs David Gatt**" : 20 ta` Ottubru 2003]/

Huwa wkoll accettat li sabiex persuna tista` tinsab responsabbli ghall-hsara li haddiehor ikun garrab bl-ghemil taghha mhux li l-ghemil wahdu ta` dik il-persuna ikun il-kawza unika tad-dannu, ghaliex bizzejjed jintwera s-sehem ta` dik il-persuna bin-negligenza jew bir-rieda taghha biex jintrabat

maghha l-piz tar-responsabbilta` ghal dak li jkun gara. Izda biex is-sehem ta` dik il-persuna jnissel il-htija u r-responsabbilta` li tigi maghha, jehtieg jintwera (mill-parti li tallega d-dannu u bi prova tajba kif tistenna l-ligi) li dik il-htija nisslet id-dannu attwalment imgarrab u li tali dannu jkun imkejjel u ippruvat b`mod cert (ara s-sentenza ta` din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta moghtija fit-30 ta` Mejju 2002 fil-kawza "**David Gatt vs Peter Calleja**").

Ghalhekk huwa necessarju li ssir il-prova tan-ness ta` kawzalita` bejn il-fatt kolpuz u l-event dannuz, prova li tispetta lis-socjeta` attrici sal-grad rikjest mil-ligi.

Huwa dwar dan l-oneru li kkampa fid-difiza tieghu l-bank konvenut. Infatti fit-tieni u t-tielet eccezzjonijiet irrileva li mhux responsabbli ghall-akkadut u ma kien hemm l-ebda ness ta` kawzalita` bejn l-agir tal-bank konvenut u l-akkadut lamentat mis-socjeta` attrici.

Fil-mertu, din il-Qorti ma tarax li gie ppruvat a sodisfazzjon taghha li kien hemm tali ness ta` kawzalita` bejn l-agir tal-bank konvenut u s-serqa li sehhet fuq l-impjegat tas-socjeta` attrici.

Dana ghal diversi ragunijiet.

Irrizulta fl-ewwel lok, li l-mutur kien misruq precedentement ghal din is-serqa. Is-serqa sehhet quddiem l-ufficini tas-socjeta` attrici u mhux gol-bini tal-bank. Mill-provi akkwiziti irrizulta li s-serqa kienet ippjanata b`dettal minn terzi li baqghu mhux maghrufa.

Fil-fehma taghha, dan kollu jimpingi fuq in-nuqqas ta` prova.

Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju (ara s-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-27 ta` Frar 2004 fil-kawza "**Nancy Caruana vs Odette Camilleri**")

**Ghalhekk it-talbiet attrici safejn relatati ma` *culpa aquiliana* qeghdin jigu respinti.**

## V. <u>It-tieni talba</u>

It-telf li kellha ggorr is-socjeta` attrici kienu flus kontanti in kwantu ghal €75,360 fil-munita Ewro u in kwantu ghal Lm500 fi flus Maltin : total ta` €76,524 (ghad-dritt). Il-prova tal-quantum hija korraborata mhux biss mid-deposizzjoni tax-xhieda taz-zewg nahat izda wkoll mill-*claim* li saret lill-assikurazzjoni u mior-rapport tal-pulizija (fol 154 et seq). Kienu flus li ghaddew ghandha tramite l-bank u kienu destinati biex jithallas l-ekwipagg tal-yacht Noa VII. Billi rrizulta li s-socjeta` attrici rkuprat l-ammont ta` €6988 (ghad-dritt) ekwivalenti ghal Lm3,000 minghand l-assikurazzjoni taghha, it-telf effettiv kien ta` <u>**€69,536**</u>.

## VI. <u>It-tielet talba</u>

Il-bank konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici danni fl-ammont ta` <u>**€34,768**</u>.

## <u>Decide</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni, qeghda tipprovdi dwar it-talbiet attrici u dwar il-bqija tal-eccezzjonijiet billi :-**

**Tichad it-talbiet attrici safejn dawn jolqtu allegata responsabilita` akwiljana tal-bank konvenut fil-konfront tas-socjeta` attrici.**

**Safejn it-talbiet attrici jirrigwardaw ir-relazzjoni kontrattwali ta` bejn il-partijiet, tiddikjara, b`riferenza ghall-ewwel talba, illi l-bank konvenut huwa responsabbli fi grad ta` hamsin fil-mija (50%) ghat-telf li garrbet is-socjeta` attrici bhala konsegwenza ta` inadempjenzi taghha versu s-socjeta` attrici.**

**Riferibbilment ghat-tieni talba, tillikwida d-danni kontrattwali tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` disgha u sittin elf hames mija sitta u tletin Ewro (€69,536).**

**Riferibbilment ghat-tielet talba, tikkundanna lill-bank konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici danni kontrattwali fl-ammont ta` erbgha u tletin elf seba` mija tmienja u sittin Ewro (€34,768) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tordna illi l-ispejjez ta` din il-kawza jithallsu in kwantu ghal nofs mis-socjeta` attrici u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-bank konvenut.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**